# 1.

Elbio kien joqgħod f'raħal ċkejken, qrib waħda mill-muntanji li kien hemm ftit 'il barra mir-raħal. Dawn il-muntanji kienu importanti ħafna għan-nies tar-raħal għax kienu jġibu x-xita u minnhom kien jinżel ħafna ilma ġieri fil-widien. Waħda minn dawn

il-muntanji kienu jsejħulha l-Muntanja ż-Żgħira għax kienet l-inqas waħda għolja.

Għal ħafna nies fir-raħal, isem Elbio kien jinħass stramb u kienu dejjem jistaqsu lil missieru u lil ommu għala kienu semmewh hekk. Imma dawn qatt ma qalulhom minn fejn kienu ġabu dak l-isem għat-tifel tagħhom.

Meta twieled Elbio, ommu riedet issemmih Daniel u

missieru xtaq isemmih Pablo.
Ma setgħux jaqblu bejniethom
u sa ftit jiem wara li twieled,
it-tifel kien għadu bla isem!

